Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 412/2011AE

**Domestica Limited**

**Vs**

**Paul u Maria Carmela konjugi Giacchino;**
**Joseph u Imelda konjugi Giacchino**

It-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2015.

Il-konvenuti, illum appellanti, appellaw mis-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tas-27 ta' Jannar 2014 li biha ntlaqghet talba tal-attrici, illum appellata, ghall-hlas tas-somma ta' elfejn erba' mija u tnejn u tletin ewro (€2,432), li s-socjeta attrici talbet bhala rifuzjoni ta' flus li hallset.

L-aggravji tal-atturi huma li t-Tribunal:

1. Ma kellux kompetenza biex jiehu konjizzjoni tal-kawza, peress li s-socjeta konvenuta kienet qeghda timpunja dak li l-kontendenti ftehemu dwaru permezz ta' kuntratti pubblikati fl-10 ta' Awissu 2008 u tad-9 ta' Marzu 2011.
2. Naqas milli jiddeciedi dwar it-tieni, tielet u raba' eccezzjoni tal-konvenuti.
3. Injora ghal kollox il-principju ta' *pacta sunt servanda*.

Fil-qosor 'il fatt rilevanti huma s-segwenti:-

i. L-attrici akkwistat proprjeta minghand il-konvenuti, fejn fir-rigward tal-bilanc tal-prezz li ma thallasx dakinhar tal-akkwist[1] ftehemu li jekk il-hlas ma jsirx sat-28 ta' Frar 2001, kellu jithallas: "*.... a penalty as liquidated damages of eighty seven Euro and thirty five cents (€87.35) which is equivalent to thirty seven Maltese Liri and fifty cents (Lm37.50) per day is to be paid by the Purchaser unto the Vendors for every day in which the Purchaser remains in default without prejudice to any payment and interest that the vendors might be entitled to for such delay"* (fol. 12 u 27).
ii. Fid-9 ta' Marzu 2011 gew pubblikati zewg kuntratti fl-atti tan-nutar Dr Rachel Busuttil (fol. 32) fejn is-socjeta attrici, illum appellanti, hallset lil kull koppja s-somma ta' €172,246.84, in kwantu ghal:-

[1] L-akkwist sar fl-20 ta' Awissu, 2008.

(a) €171,030.84 prezz ghat-trasferiment ta' dominju perpetwu li sehh b'kuntratt tal-20 ta' Awissu 2008;
(b) €786 penali minhabba li l-hlas ma sarx fid-data pattwita fil-kuntratt tal-20 ta' Awissu 2008;
(c) €430 imghax kalkolat bir-rata ta' 5% li ddekorra b'sehh mit-28 ta' Frar 2011 sat-8 ta' Marzu 2011.

iii. Leo Vassallo Cesareo, direttur tas-socjeta attrici, xehed li wara li hallas lill-konvenuti mar ifittex parir ta' avukat ta' fiducja tieghu u avukat li jahdem il-Bank u qalulu li l-hlas ta' penali u mghax ma kienx dovut (fol. 39).

It-Tribunal ghal Talbiet Zghar iddecieda li:-

1. F'kaz li obbligazzjoni jkollha bhala oggett hlas ta' flus, l-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jipprovdi li d-danni mid-dewmien mill-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni huma **biss** l-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata u kalkolati bit-tmienja fil-mija;
2. Billi l-obbligazzjoni ma kinitx kummercjali, skond l-Artikolu 1141 tal-Kodici Civili l-imghax kellu jiddekkorri minn dakinhar li saret sejha ghall-hlas permezz ta' att gudizzjarju minkejja li fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.

Dwar il-kompetenza, it-Tribunal qal:-

*"….. huwa ormai pacifiku li klawzoli f'kuntratti jistghu* ***bi zball jmorru kontra dak li huwa stipulat fil-ligi*** *pero' ma jfissirx illi l-validita' tal-kuntratt shih ghandu jigi attakkat….. L-attur m'huwiex fic-cirkostanzi li jqajjem il-validita' o meno la tal-kuntratt u lanqas tal-klawzola li pero qed ighid huwa li hemm applikazzjoni hazina ta' ligi espressa.* ***Ghaldaqstant it-Tribunal ihoss illi f'dan il-kaz ghandu jiddeciedi biss jekk ghandu jsir rifuzjoni o meno a bazi ta' nterpretazzjoni ta' ligi vis-à-vis klawsola fil-kuntratt****"*.

Skond l-Artikolu 3(2) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar:

*"Bla hsara ghas-subartikolu (5), it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn tliet elef u erba' mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi (€3,494.06)"*.

Din il-qorti ma taqbilx mal-posizzjoni li ha t-Tribunal ghal Talbiet Zghar in kwantu:-

i. Bejn il-kontendenti hemm kuntratt iffirmat, li permezz tieghu ftehemu dwar l-ammont li kien qieghed jithallas u b'hekk sehhet l-estinzjoni ta' parti mill-obbligazzjoni li kellha l-attrici fil-konfront tal-konvenuti li kienet tirrizulta min kuntratti pubblikati fl-20 ta' Awissu 2008.

ii. Ladarba hemm kuntratt, rifuzjoni ta' parti mill-flus li thallsu fuq dak il-kuntratt tista' ssir biss billi l-attrici tikkontesta dak li hi stess iffirmat ghalih. Mill-atti l-qorti fehemet li l-attrici qeghda ssostni li hallset minhabba zball ta' ligi, li jfisser vizzju tal-kunsens. Il-qorti ma taqbilx mat-Tribunal li kull ma kellu jaghmel hu li jiddeciedi jekk ghandhiex issir ir-rifuzjoni a bazi ta' nterpretazzjoni ta' ligi. Il-kuntratt tad-9 ta' Marzu 2011 gie ppubblikat bil-kunsens taz-zewg partijiet. Sabiex l-attrici tirnexxi fil-pretensjoni li ghandha kontra l-konvenuta, kellha tipproponi kawza fejn tikkontesta dak li effettivament gie pattwit fl-imsemmija kuntratt. Dan mhux possibbli li jsir f'kawza prezentata quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

iii. Il-materja ta' kompetenza ma kinitx tiddependi mill-eccezzjoni li nghatat mill-konvenut, izda mit-talba li ghamlet l-attrici. Talba li ghalkemm immirata biex tirkupra somma determinata, ma kienx possibbli li titqies b'mod izolat minn dak pattwit bil-kuntratti tal-20 ta' Awissu 2008 u tad-9 ta' Marzu 2011. Il-kontestazzjoni ta' kuntratt jew xi parti minnu ma taqax fil-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

**Ghal dawn il-motivi qeghda tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti u thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tas-27 ta' Jannar 2014 u tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti[2]. Spejjez a karigu tas-socjeta appellata**.

Anthony Ellul.

[2] Fl-ewwel eccezzjoni l-appellanti nvokaw in-nuqqas ta' kompetenza ratione materiae, tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.